MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2011

Numru. 327/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Marjanu Zahra ta' 63 sena iben Guzeppi u Anna nee' Cutajar imwieled Birzebbugia fit-8 ta' Frar 1948 u joqghod "Margrace" 15, Triq Angelo Borg, Qormi, detentur tal-karta ta'l-identita numru 211248(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Marjanu Zahra akkuzat talli bejn Lulju 2006 u Settembru 2006 b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew

ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn elf lira Maltin (Lm1000) ghad-dannu tal-Water Services Corporation ai Termini ta’l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta bank privat b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew bil-firem billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai Termini ta’l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falz, ai termini ta’l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali tat-30 ta’ Awissu 2007.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi min-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b’zewg reati u cioe’ dak tal-frodi, kif ukoll bir-reat tal-falsifikazzjoni u l-uzu tad-dokumenti iffalsifikati. Illi mill-provi akkwizti jirrizulta illi l-imputat huwa impjegat bhala *impressed driver* mal-Water Services Corporation. Illi fis-Sajf tas-sena 2006 xi ufficjali responsabbli mill-ghoti tal-*vouchers* ghal fuel lix-xufiera impjegati mal-Korporazzjoni innota illi kien hemm xi diskrepanzi bejn il-fuel li kien gie uzat mix-xufiera taghhom u il-*requisition vouchers* li kienu jinhargu lill-istess xufiera sabiex huma jakkwistaw il-fuel mill-pompi tal-petrol li maghhom il-Korporazzjoni kellha ftehim ghax-xiri tal-*fuel*. Irrizultalhom ukoll li kien hemm xi kotba ta’

dawn il-*vouchers* li kienu neqsin. Ghalhekk il-kaz gie irrapurtat lill-pulizija li bdew bl-investigazzjonijiet taghhom. Illi minn indagini li ghamlet il-pulizija, is-suspett waqa' fuq l-imputat u dana wara iz-zewg sidien tal-pompi tal-petrol involuti u cioe' r-Regional Road Service Station u il-pompa G. Camilleri Petrol Station taz-Zurrieq indikaw lill-imputat bhala ix-xufier li kien jiehu il-*fuel* fil-laned u li kien qed jiehu ammonti kbar ta' *fuel*. Kien ghalhekk illi f'okkazzjoni partikolari u cioe' fit-23 ta' Novembru 2006, meta l-imputat kien qieghed jinqeda fil-pompa tal-petrol ta' Regional Road, huwa gie intercettat mill-pulizija. L-imputat f'dina l-okkazzjoni kellu f'idejh zewg *requisition vouchers* tal-fuel u kien qieghed jimla id-diesel f'erba' laned.[1] L-imputat ghalhekk gie arrestat u interrogat fejn huwa stqarr illi dawn il-vouchers huwa kien sabhom fil-*parking area* tal-Korporazzjoni, fejn is-sezzjoni tad-drenagg, fil-hamrija. Jghid illi dawn kienu mimlijin lesti u hu mar jixtri il-*fuel* bihom. Huwa hass lli seta' jaghmel uzu minnhom ghaliex kellu jiehu xi flus minn ghand il-Korporazzjoni ghal xi xoghol li ghamel u kien ghadu ma thallasx tieghu. Ghalhekk b'dana il-mod huwa seta ipaci l-ammont dovut lilu.[2]

Illi minbarra iz-zewg *vouchers* Dokumenti MZ5 u MZ6 li instabu fil-pussess ta'l-imputat fit-23 ta' Settembru 2006 u li jgibu id-dati wahda tat-22 ta' Novembru u l-ohra tal-24 ta' Novembru 2006, l-Prosekuzzjoni esebiet diversi *requisition vouchers* li jkopru il-perijodu bejn Jannar u Settembru 2006.[3] Dawn il-*vouchers* gew mghoddija lill-pulizija mis-sidien taz-zewg pompi tal-petrol taz-Zurrieq u l-Imsida iktar 'il fuq indikati. Illi s-sidien ta' dawn il-pompi tal-petrol u cioe' Edward Camilleri u Louis Vella rispettivament jikkontendu illi dawn il-*vouchers* kienu gew mghoddija lilhom mill-imputat meta huwa kien imur ghal *fuel* minn ghandhom. Jikkontendu it-tnejn li huma illi fil-maggior parti tal-kazijiet huwa kien jiehu il-fuel fil-*laned* u jghidu illi jafu illi dawn il-*vouchers* kienu jappartjenu lill-imputat ghaliex kien jiehu ammonti kbar ta' *fuel* meta

[1] Ara dokumenti MZ5 u MZ6, fuel vouchers u Dokument MZ8 laned tal-fuel
[2] Ara stqarrijiet ta'l-imputat Dokumenti MZ1 u MZ2 a fols. 19 u 21
[3] Ara Dokumenti MZ9, MZ10, MZ11, MZ12, MZ13 u MZ15 esebieti a fols. 30, 31, 32, 33, 3 u 55 rispettivament

imqabbel ma' dak ta' xufiera ohra.[4] Ighidu illi meta dawn il-*vouchers* kienu jigu pprezentati lilhom huma ma kenux jivverifikaw il-firem fuq l-istess izda kienu jaraw l-ammont ta' *fuel* indikat fuqhom, jissuplixxu lill-imputat b'dak l-ammont imbaghad jiehdu il-kopji ta' dawn il-*vouchers* li kienu jkunu generalment tnejn, wahda kienu izommuha huma u l-ohra jghadduha lill-Korporazzjoni ghal hlas. Jikkontendu illi huma ghadhom ma ircevewx hlas minn ghand il-Korporazzjoni ghal uhud minn dawn il-*vouchers* minhabba li kien hemm kontestazzjoni fuqhom in konnessjoni ma' dana l-kaz.

Illi l-Qorti semghet ix-xhieda ta' diversi ufficjali tal-Korporazzjoni jixhdu dwar is-sistema li kienet tintuza in konnessjoni ma' dawn il-*fuel vouchers*. Jidher illi dawn il-*vouchers* kienu jigu f'forma ta' kotba zghar jew *booklets* li kienu jingabru minn ghand is-Senior Audit Inspector David Mallia li kellu l-ufficcju tieghu gewwa Ta' Qali. Generalment dawn il-kotba kienu jigu mghoddija lix-xufiera li wara li jigbru l-istess kienu jghadduhom lill-*authorising officer* addettat mas-sezzjoni fejn huma kienu impjegati. Jidher illi fil-kaz ta' l-imputat dana l-*authorising officer* kien certu Emanuel Galea li jokkupa l-kariga ta' Senior Executive Human Resources u Corporate Services li kien jiehu hsieb ukoll dawn l-*impressed drivers*. Dana peress illi l-imputat huwa stazzjonat Hal Luqa addett mat-Transport Pool. Dawn il-kotba kienu jinzammu minn dana l-*authorising officer* u kull darba illi xufier ikollu bzonn il-*fuel* ghal vettura uzata minnu, huwa kien imur jigbor *voucher* minn ghand dan Galea li kien jghaddieha lis-segretarja tieghu biex timlieha u imbaghad jiffirmaha u jaghmel it-timbru tieghu fuq l-istess. Il-ktieb kien jibqa' jinzamm mis-Sur Galea. Meta kien jispicca il-ktieb jidher illi ix-xufier kien jirritorna l-istess lil David Mallia gewwa Ta' Qali u dana kien jghaddilu iehor sabiex jikkonsenjah lil Galea. Jidher illi qabel ma inqala' dana il-kaz, ma kenux jinzammu *records* tal-persuna li kienet tiehu dawn il-*booklets* jew tirritornhom u ghalhekk ma tezisti l-ebda prova dwar jekk il-*vouchers* esebiti fl-atti tal-kawza

[4] Ara xhieda ta' Edward Camilleri u Louis Vella a fol.56 u 61 tal-process rispettivament

inharrgux minn xi ktieb jew kotba li setghu kienu f'xi hin fil-pussess tal-imputat.

Illi il-Qorti hatret lil-P.L. Juliana Scerri Ferrante bhala espert tal-kalligrafija sabiex tistabilixxi jekk il-firem li jidhru fuq il-*vouchers* esebiti kenux gew iffalsifikati u dana in vista tal-fatt illi l-*authorising officers* li tidher il-firma taghhom fuq uhud minn dawn il-*vouchers* kollha kienu qed jallegaw illi il-firma ma kenitx taghhom, izda kienet wahda falza. Inoltre fuq il-*vouchers* hemm firem ohra ta' nies illi jidher illi qatt ma kienu impjegati mal-Korporazzjoni. Illi in adempiment ta'l-inkarigu lilha moghti l-espert ipprezentat ir-relazzjoni taghha fil-15 ta' Dicembru 2008.[5] Hija ikkonkludiet:

"***Hija l-opinjoni ta'l-esperta illi ma hemmx dubbju illi l-firem fuq il-vouchers in kwistjoni huma foloz u li bosta minnhom primarjament ta' Emanuel Galea gew imitati u falsifikati***."

Madanakollu hija tkompli tghid:

"***Filwaqt illi hija certa li l-firem ta' Galea ma sarux minnu, ma jistax jinghad min kien l-awtur peress illi firma hija serje ta' azzjonijiet qosra hafna li jrendieha impossibbli li jinhargu karatteristici ta' persuna suspettata. Firma tant qasira maghmula b'intenzjoni ta' ingann tigi kostruita bil-ghan li jigu imitati il-karatteristici ta' persuna ohra li ghalhekk jahbu il-karatteristici personali u veri ta'l-istess awtur. … Illi ghalhekk ukoll skond l-espert, hafna minn dawn il-vouchers gew iffirmati mill-istess awtur izda ma jistax jinghad jekk l-awtur kienx l-imputat***."

"***Dwar il-firem l-ohra li irrizultaw ukoll li huma foloz, u cioe' li certament ma sarux mill-persuni li jindikaw peress illi saret komparazzjoni, setghu saru minn kwalsiasi persuna u ma jistax jigi ikkonfermat li saru mill-imputat.***"

[5] Ara Dokument JSF a fol.207

Minn dana jirrizulta ghalhekk minghajr l-icken dubbju illi l-*vouchers* kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni u li jinstabu fl-atti processwali huma kollha iffalsifikati u ma inharrgux ghalhekk b'mod regolari. L-espert madanakollu ma setghetx tikkonkludi jekk dawn l-istess *vouchers* gewx iffalsifikati mill-imputat. Fid-dawl ta' dawn il-konkluzjonijiet ghalhekk l-akkuzi dwar il-falsifikazzjoni migjuba fil-konfront ta'l-imputat ma jistghux jissussistu. Ghaldaqstant il-Qorti trid tidhol sabiex tindaga jekk hemmx ness bejn dawn il-vouchers jew xi whud minnhom u l-imputat sabiex jigi stabbilit jekk l-imputat ghamilx uzu minn dawn id-dokumenti hekk iffalsifikati.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel zewg *vouchers* ipprezentati mill-Prosekuzzjoni huma id-Dokumenti MZ5 u MZ6 li instabu fil-pussess ta'l-imputat fil-jum li gie arrestat tat-23 ta' Novembru 2006. Kif inghad iktar 'il fuq l-imputat jikkontendi illi dawn sabhom fil-*parking area* u hass li seta' juzhom sabiex jigbor xi flus li kellu jiehu minn ghand il_Korporazzjoni ghal xi xoghol li kien ghamel u baqa' ma thallasx tieghu. Dawn huma datati 22 u 24 ta' Novembru 2006.

Illi ghar-rigward tal-*vouchers* l-ohra kollha li inharrgu bejn Jannar u Settembru 2006, dawn il-vouchers gew ipprezentati lill-pompi tal-petrol ta'l-Imsida u z-Zurrieq iktar 'il fuq indikati. Dawn gew mghoddija lill-pulizija mill-Korporazzjoni stess u minn sid il-pompa tal-petrol taz-Zurrieq, Edward Camilleri. Illi l-Prosekuzzjoni qed tikkontendi illi dawn il-*vouchers* gew ipprezentati mill-imputat meta huwa mar sabiex jiehu il-*fuel* abbazi ta' dak illi stqarru Louis Vella u Edward Camilleri, is-sidien ta' dawn il-pompi tal-petrol. Minn imkien mill-atti ma jirrizulta illi hemm ness bejn dawn il-vouchers u l-imputat ghajr ghal dak illi jghidu Vella u Camilleri. Dana qed jinghad ghaliex il-Korporazzjoni ma ghandhom l-ebda prova dokumentali li jindika illi dawn il-*vouchers* jew inkella il-*booklets* minn fejn originaw dawn il-vouchers kienu f'xi hin f'idejn l-imputat.

Illi meta muri id-Dokument MZ15 li huma *vouchers* li ikopru il-perijodu bejn Jannar u Gunju 2006, Camilleri ighid:

**"Ghandi nghid illi Marjanu Zahra dejjem jiehu id-diesel fil-laned u ghalhekk dawn il-vouchers illi qed nigi muri huma kollha diesel fil-laned li kien jiehu Marjanu Zahra. Ghandi nghid illi dawn il-*vouchers* huwa Marjanu Zahra stess li igibhomli mill-Water Services Corporation u skond l-ammont ta' diesel li jkolli indikat f'dawn il-*vouchers* jiena naghti lil Marjanu Zahra … Ghandi nghid illi l-imputat kien igib diversi laned biex jiehu id-diesel fihom gieli gab tank tal-hamsa u erbghin. Generalment madanakollu kien jehodhom f'laned diversi. Generalment kienu jkunu madwar tletin litru f'kull landa. .. Ghandi nghid illi meta l-imputat kien jimla' tank kif diga xehdt kien itini aktar minn *voucher* wahda. Jiena la kont nistaqsih ghal xhiex irid dan id-diesel u lanqas hu ma kien ighidli xejn. … Ghandi nghid illi kien hemm impjegati ohra mal-Water Services li kienu jigu jinqdew ghandi pero' hadd minnhom ma kien jeccedi l-erbghin litru kif kien jeccediehom l-imputat hlief ghal dawk li kienu jigu bil-bowsers."** Ix-xhud jikkonferma illi l-*vouchers* esebiti bhala Dokumenti MZ12 u MZ13 ukoll jirrapprezentaw *fuel* mehud mill-pompa tal-petrol tieghu mill-imputat bl-istess sistema bhal *vouchers* fid-Dokument MZ15.[6] Ix-xhud ikompli jistqarr illi huwa jista' jikkonferma illi l-*vouchers* huma ta'l-imputat ghaliex ghandhom l-istess kalligrafija u inoltre huma l-unici *vouchers* li fihom hemm *fuel* li jeccedi l-40 litru u kien l-imputat biss li kien jeccedi dana l-ammont ghajr ghal-vettura tac-chairman.

Illi fl-istess vena jixhed Louis Vella, sid il-pompa tal-petrol ta' Regional Road, l-Imsida. Huwa wkoll jikkontendi illi fil-maggior parti tal-okkazzjonijiet fejn huwa kien jigi ghad-diesel huwa kien jiehu l-istess fil-laned u mhux direttament fil-vettura. Meta muri id-Dokument MZ10, li huma *vouchers* li jkopru il-perijodu bejn ta' Lulju u Awwissu 2006 ighid:

---

[6] Ara xhieda ta' Edward Camilleri a fols.57 u 58.

**“Naf illi dawn il-*vouchers* huma kollha ta’ Marjanu Zahra peress illi fuq l-istess *vouchers* hemm miktub il-kelma ‘security’ u minn hekk nista’ nikkonkludi li dawn huma ta’l-imputat. … Qed jigi indikat lili illi fil-fatt fuq dawn il-vouchers hemm ukoll xi kliem ohra bhal ‘health and safety’ pero’ nghid illi dawn huma kollha ta’ Zahra peress illi l-kitba u il-firem huma kollha l-istess. … Ghandi nghid illi jigu ohrajn mill-Water Services Corporation sabiex jinqdew ghandi izda dawn kollha jigu bil-bowsers u kollha jiehdu ammont ta’ ‘l fuq minn mitt litru fuel. Ghalhekk jiena stajt nippinpojntja liema kienu dawk ta’l-imputat.”** [7]

Illi dan li jghidu dawn iz-zewg xhieda huwa imsahhah bil-konkluzjonijiet raggunti mill-espert grafiku li kif diga gie issottolinjat aktar ‘il fuq tikkonkludi illi hafna mill-*vouchers* saru mill-istess awtur ghalkemm ma tistax tikkonkludi illi dawn gew maghmula mill-imputat.

Illi fid-dawl ta’ dawn ir-risultanzi processwali ghalhekk ma hemmx dubbju illi hemm ness bejn il-*vouchers* esebiti fl-atti li jirreferu ghal perijodu bejn Jannar u Settembru 2006 u l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel linja difezjonali imressqa mill-imputat tikkoncerna id-data ta’l-akkuza. Illi id-difiza tikkontendi illi ghalkemm d-dati li hemm indikati fl-akkuza jirreferu ghal perijodu bejn Lulju u Settembru 2006, madanakollu il-*vouchers* illi huma marbuta ma’l-imputat jirreferu ghal data ohra u cioe’ ghax-xahar ta’ Novembru 2006 u dana peress illi hemm certezza biss ghar-rigward tad-Dokumenti MZ5 u MZ6 li instabu fil-pusess ta’ l-imputat u ma hemmx l-ebda ness bejn il-*vouchers* l-ohra esebiti b’mod partikolari dawk li jirreferu ghal perijodu bejn Lulju u Settembru 2006 u cioe’ id-dati indikati fl-akkuza u l-imputat.

[7] Ara xhieda ta’ Louis Vella a fol.62

Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma dina l-linja difenzjonali u dan ghar-ragunijiet hawn fuq esposti. Kif diga inghad kemm Louis Vella kif ukoll Edward Camilleri li ircevew dawn il-*vouchers* jikkontendu illi dawn gew mghoddija lilhom mill-imputat. Huma certi minn dana il-fatt peress illi kien biss l-imputat bhala xufier tal-Korporazzjoni li fl-ewwel lok kien jiehu il-*fuel* fil-laned u kien jiehu *fuel* f'ammonti li jeccedu il-40 litru. Fil-fatt il-*vouchers* esebiti kollha fihom indikat ammont ta' *fuel* li jeccedi l-40 litru. Inoltre jidher illi l-kalligrafija fuq dawn il-*vouchers* hija identika u kif tikkonkludi l-espert grafiku, jidher illi fuq hafna mill-*vouchers* illi firem saru mill-istess awtur. Illi fil-fatt meta wiehed iqabbel id-Dokumenti MZ5 u MZ6 mal-*vouchers* l-ohrajn facilment jista' jikkonkludi illi l-kalligrafija fuq dawn il-*vouchers* tinxtiebah ferm u kollha maghmula fuq l-istess stil. Illi dana kollu iwassal ghal konvinciment morali ta' dina l-Qorti illi hemm ness bejn il-*vouchers* kollha esebiti fl-atti u l-imputat. Ma hemmx dubbju illi l-imputat kien jiehu ammonti sostanzjali ta' *fuel* fil-maggior parti gol-laned u meta kien imur jiehu il-*fuel* huwa kien sahanistra jimla' aktar minn erba' laned. Illi mix-xhieda ta'l-ufficjali tal-Water Services Corporation jirrizulta illi fis-sezzjoni fejn kien jahdem l-imputat ma jidhirx illi kien hemm in-necessita' ghall-uzu ta' dan il-volum ta' *fuel* u ghalkemm ix-xufiera kienu f'xi okkazzjonijiet jigu mitluba jiehdu il-*fuel* fil-laned pero' dina ma kenitx in-norma. Jidher illi ghajr ghal *bowsers* u ghal-vettura tac-*chairman* ma kenux jimtlew *vouchers* ghal iktar minn 40 litru ta' *fuel*, mentri il-*vouchers* kollha esebiti jeccedu dana l-ammont. Finalment hawnhekk jirrizultaw ammont konsiderevoli ta' *vouchers* kollha foloz li ghamel uzu minnhom l-imputat u mhux il-kaz illi huwa bi zball ghamel uzu minn xi wahda minnhom. Kwindi ma hemmx dubbju illi l-imputat ghamel uzu minn dawn il-*vouchers* iffalsifikati sabiex ikun jista' jikseb il-fuel b'xejn ghad-dannu tal-Water Services Corporation fejn kien impjegat.

Ikkunsidrat,

Illi fin-nota tieghu ta' rinviju ghal gudizzju l-Avukat Generali jindika d-disposizzjonijiet ta'l-artikoli 167 u 169, l-artikoli 183 u 184 u kif ukoll l-artikoli 187 u 188 tal-Kapitolu

9. Illi kif diga inghad iktar 'il fuq l-imputat qed jinsab hati talli ghamel uzu minn dokument falz u mhux li iffalsifika l-istess. Illi ghar-rigward tar-reat tal-falsifikazzjoni, il-ligi taghna tikkontempla diversi forom ta' falz f'dokumenti pubblici u skritturi privati. Illi kif diga inghad l-akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputat jikkontemplaw diversi reati ta' falsifikazzjoni. Illi anke meta wiehed ihares lejn n-nota tar-rinviju jirrizulta illi l-imputat huwa akkuzat kemm bl-hekk imsejjah falz materjali kif ukoll bil-falz ideologiku u komplicita fl-istess. Illi certament dawna inghataw kollha bhala akkuzi alternattivi u dana peress illi kull disposizzjoni tal-ligi tikkontempla kuncett legali separat ta' modalita' kif jigi kommess il-falz. Kif gie ritenut f'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna fosthom f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Paul Galea" deciza 17 October 1997:

"***Id-differenza bejn il-falz materjali u il-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi iffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara antolisei F. Manuale di Diritto Penali – V.VI n.2296 – 829). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta (Antolisei F. op.cit p594). S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista'***

***jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg …***"

Illi maghdud dana kollu il-Qorti hija tal-fehma illi hawnhekk si tratta tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali u cioe' 'l hekk imsejjah falz materjali. Dana peress illi l-awtur apparenti tad-dokument ma huwiex l-awtur rejali tal-*vouchers*. Illi kif diga inghad iktar 'il fuq, ma hemmx provi fl-atti processwali illi kien l-imputat li iffalsifika dawn id-dokumenti, izda biss illi ghamel uzu mill-istess u kwindi ser tinstab htija fil-konfront ta'l-imputat ghar-reat ikkontemplat fl-artikoli 184 tal-Kapitolu 9.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat b'mod ewlieni qed jigi akkuzat bir-reat tal-frodi a tenur ta'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali. Illi l-abbli difensur ta'l-imputat jikkontendi illi il-fattispecje ta' dana il-kaz ma jinkwadrawx ruhhom fl-elementi legali li isawru ir-reat tal-frodi, u li semmai l-imputat messu gie akkuzat bir-reat tas-serq.

**<u>IL-LIGI</u>**

Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn min qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex issofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata

ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis … Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi …..".*** Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew
b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c. ta' kwalifiki foloz jew
d. billi jinqeda b'qerq iehor u
e. ingann jew
f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g. jew ta' hila
h. setgha fuq haddiehor jew

i. ta’ krediti immaginarji jew
j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta’ haddiehor.

“…. **Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta’ truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta’ natura li jimpressjonaw bniedem ta’ prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta’ fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ….”**

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi ***“hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta’ l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza “Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi “quell’ articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e’ necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede.”***

Ghar-reati ta’ truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi ***“kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita’ specifika li sservi ta’ supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b’hekk bhala mezz ta’ qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta’ dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta’ apparat estern li jirrivesti bi kredibilita’ l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta’ verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene.”***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "***I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : ***"L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo***

***usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta'l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Illi ghalhekk mill-fattispecje ta' dana l-kaz il-Qorti trid tara jekk jezistux l-elementi legali rikjesti ghar-reat tat-truffa. Illi minghajr l-icken dubbju jirrizulta illi l-imputat bil-mezz ta' ingann u uzu ta' dokument illi huwa kien jaf ben tajjeb li kien falz irnexxielu jikseb *fuel* li ma kienx intitolat ghalih sabiex b'hekk huwa arrikkixxa ruhu u dana ghad-dannu tal-Water Services Corporation li spiccaw kellhom ihallsu ghal fuel li ittiehed indebitament mill-imputat. Illi l-Qorti ma tistax taqbel mad-difiza illi dana il-kaz ghandu il-fattispecje tar-reat tas-serq u dana peress illi l-imputat ma huwiex qed jiehu ad isaputa tas-sid l-oggett, izda qed jadopera mezzi u cioe' 'l hekk imsejjha artifizji sabiex jinganna u jiehu l-fuel li ma kienx intitolat ghalih. Fil-fatt fil-maggior parti taghhom jirrizulta illi l-*vouchers* ipprezentati mill-imputat kollha gew imhallsa mill-Korporazzjoni. Illi f'dana il-kaz hemm l-applikazzjoni ta'l-artikolu 310(1) billi jirrizulta

mill-atti illi l-ammont ta' fuel li ittiehed mill-imputat kien jeccedi l-elf lira maltin jew l-ammont ta' €2329.37.[8]

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-fedina penali ta'l-imputat ma hijiex xi wahda allarmanti u kwindi piena karcerarja effettiva ma hijiex idonja.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 308, 310(1)(a), 184 u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati ta'l-ewwel u t-tielet akkuzi u tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv tas-sentenza.

Finalment b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat ihallas lir-Regstratur tal-Qorti is-somma ta' €1148.14 in konnessjoni ma'l-ispejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[8] Ara total tad-Dokumenti MZ12, MZ13, MZ11, MZ10 u MZ9 li kollha jirreferu ghal perijodu bejn Lulju u Settembru 2006